**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Awwissu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Desmond Sylvester**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Desmond Sylvester ta' 24 sena, bin ġenituri mhux magħrufa, mwieled Niġerja nhar il-24 ta' April 1999, residenti f'indirizz mhux magħruf, u detentur tal-passaport Niġerjan numru A12021281.

Akkuzat talli :

1. Nhar is-6 ta' Awwissu 2023 għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u it-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs), ġewwa Triq Annetto Caruana, San Pawl il-Baħar mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' u jniggeż, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stanley Ebende liema ferita ġabet mankament jew sfreġju fil-wiċċ u f'waħda mill-idejn ta' Stanley Ebende skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Ryan Camilleri MD (Reg. No. 3672) tal-Isptar Mater Dei u / jew diversi tobba oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara fuq vettura bil-mutur tal-għamla Peugeot 208 bin-numru ta' reġistrazzjoni ADA045 għad-dannu ta' Vladan Mihailovic u/jew ta' persuna/i oħra u/jew ta' entita/jiet oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. U finalment talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Stanley Ebende jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familja/i tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaguna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiża u l-familja tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-21 ta' Gunju 2024 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

   1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 216(1)(a)(ii), 217, 218, 218(1)(b), 218(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   2. Fl-Artikoli 325(1)(b), 328(d), 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   3. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
   4. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6 Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   1. Fis-6 t'Awwissu 2023 ghal habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija (6.30pm), il-Pulizija tal-ghassa tal-Qawra ircivew rapport illi kien hemm glieda gewwa Triq Annetto Caruana, San Pawl il-Bahar.

   2. Meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu lil Stanley Ebende u lill-imputat mixhutin fuq xulxin ma' l-art, fejn karozza bin-numru ta' registrazzjoni ADA-045, li kienet kollha demm, u kellha xi hsarat u mera mkissra in-naha tal-passiggier. Kien hemm ukoll hafna dmija ma' l-art. L-imputat kellu ammont konsiderevoli ta' demm f'idu u Stanley Ebende kellu xi griehi f'wiccu u f'idejh. Fuq il-post gie innutat ammont ta' hgieg u bicca minn flixkun tal-hgieg.

3. Huma gew arrestati t-tnejn fuq il-post, u ittiehdu l-isptar Mater Dei ghal kura. L-imputat gie certifikat li kien sofra griehi ta' natura gravi, filwaqt li Stanley Ebende gie certifikat li qieghed isofri minn griehi hfief fuq wiccu u f'idejh.

4. Ghaldaqstant, il-Pulizija intavolat proceduri kriminali fil-konfront taz-zewg imputati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-Htija**

7. Ghalkemm ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taz-zewg persuni involuti fil-glieda, dawn il-proceduri jikkoncernaw biss lill-imputat Desmond Sylvester, u l-proceduri kriminali kontra Stanley Ebende, il-vittma f'dawn il-proceduri, jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

8. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li dan kien kaz ta' legittima difeza, ghax l-imputat Desmond Sylvester kien qed jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta' Stanley Ebende. Il-difiza qed tibbaza s-sottomissjoni taghha principalment fuq ir-rapport ta' Dottor Mario Scerri l-espert mediko-legali mahtur fl-inkjesta, li qal li l-imputat kellu *'defensive wounds'* fuq idejh.

9. Il-Qorti tibda billi tghid li f'dawn il-proceduri ma jirrizultawx provi konklussivi ta' kif inbdiet din il-glieda. Ma gewx ezebiti filmati tas-CCTV, il-parti offiza u l-imputat ma xehdux u ma ngab l-ebda xhud okulari li kien prezenti meta bdiet il-glieda. Ix-xhud Carmel Camilleri xehed li huwa kien id-dar tieghu, u meta sema' l-istorbju barra fetah il-bieb u ra tnejn min-nies jimbuttaw lil xulxin, u nies jghajtu biex jieqfu. Ghalhekk huwa dahal gewwa icempel lill-Pulizija u rega' hareg barra meta sema s-sirena tal-Pulizija.[1]

10. Ix-xhud Mahmoud Ali xehed li hu ukoll kien id-dar u meta sema' l-ghajjat hareg jittawwal fit-terrazin, u ra zewg irgiel jiggieldu u sema' xi hgieg jinkiser. Huwa cempel lill-Pulizija u ghal ambulanza u hareg barra u ra tnejn min-nies iggrafati ma' xulxin. Jghid ukoll li wiehed minnhom kellu flixkun tal-hgieg f'idejh u kien qed jaghti lill-iehor. Huwa vera li fix-xhieda tieghu PC 465 Jean Cremona xehed li *a tempo vergine* Ali Mahmoud qallu li l-imputat ried jiggieled, u Ebende ried jieqaf, kif ukoll li Ebende kellu

[1] Ara fol. 36 tal-process.

flixkun f'idejh u tah xi daqqa' f'rasu.[2] Pero Mahmoud dan il-kliem ma regghax irrepetieh waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, u l-Prosekuzzjoni ma deherliex li ghandha issaqsieh dwar dak li huwa qal lill-kuntistabbli *a tempo vergine*. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi d-diskors li Mahmoud Ali qal lil PC 465 Jean Cremona jista' biss jitqies bhala *detto del detto* u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehdu in konsiderazzjoni.

11. Fir-rapport tieghu, l-espert mediko-legali Dottor Mario Scerri ikkonkluda li l-imputat kellu is-segwenti feriti:[3]

*"3. Illi l-lezjoni deskritta fuq it-temporal region tax-xellu ta' Sylvester kienet maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u kienet lezjoni superficjali;*

*4. Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq ta' Sylvester kienet maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u kienet klassifikata bhala incizjoni ghar-raguni li din kienet iktar wiesa' milli fonda;*

*5. Illi l-lezjoni deskritta taht il-clavicular region tax-xellug ta' Sylvester kienet maghmula minn strument jaqta' u bil-ponta u kienet klassifikata bhal incizjoni ghar-raguni illi din kienet iktar wiesa' milli fonda;*

*6. Illi l-lezjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tas-sider ta' Sylvester kienet ukoll maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u kienet ikklassifikata bhala incizjoni ghar-raguni illi din iktar wiesa' milli fonda;*

*7. Illi l-ebda lezjoni ma ippenetrat xi kavita'.*

*8. Illi l-lezjoni deskritta fuq il-hames subgha tal-id il-leminija kienet incizjoni maghmula minn strument bil-ponta u din tista' tigi klassifikata bhala defensive wound;*

*9. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-id ix-xellugija ta' Sylvester kienet maghmula minn strument li jaqta' involviet ukoll il-muskolu u din hija lezjoni ta' natura gravi u tibqa' bhala marka permanenti fl-id."*

12. Dottor Mario Scerri ikkonkluda wkoll li l-vittma f'dawn il-proceduri Stanley Ebende (li fir-rapport tieghu jirreferi ghalih skorrettement bhala Starlie Abebendi) sofra is-segwenti feriti:[4]

[2] Ara fol. 61 tal-process.
[3] Ara fol. 287 tal-process.
[4] Ara fol. 288 tal-process.

*"10. Illi l-abrazjoni deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-mohh ta' Starlie Ebebendi kienet rizultat ta' blunt trauma;*

*11. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-aspett laterali tad-driegh tax-xellug ta' Starlie kellha sharp margins, rizultat ta' incizjoni maghmula minn strument li jaqta' kienet aktar wiesa milli fonda u tista' tibqa' bhala marka permanenti fuq il-parti ta' fuq tad-driegh tax-xellug.*

*12. Illi l-lezjoni deskritta fuq it-tieni subgha tal-id il-leminija ta' Starlie kienet rizultat ta' incizjoni."*

13. Huwa vera li fir-rapport tieghu, Dottor Mario Scerri qal li l-incizjoni li kellu l-imputat fuq il-hames subgha ta' idu l-leminija tista' tigi klassifkata bhala *defensive wounds* u ma jghid xejn rigward il-feriti sofferti minn Ebende. Pero fix-xhieda tieghu, Dottor Scerri qal hekk:[5]

| | |
|---|---|
| *"Av. Difensur:* | *Mela Dr Scerri, fuq Sylvester Desmond ghidtilna li kien hemm gerha minnhom li setghet tkun defensive wound, naqblu?* |
| *Xhud:* | *Iva.* |
| *Av. Difensur:* | *Fuq Starley Abadendi sibt defensive wounds?* |
| *Ix-xhud:* | *Kellu fuq idu, tista' tkun defensive wound wkoll."* |

14. Ghaldaqstant mix-xhieda ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta car li kemm il-ferita li l-imputat kellu f'idejh setghet kienet *defensive wound* kif ukoll il-ferita li Ebende kellu f'idejh tista' tigi ikklassifikata bhala *defensive wound.* Ghaldaqstant, il-provi medici forensici, apparti li huma biss provi indizzjarji (*circumstantial evidence)* huma jikkostitwixxu prova inkonklussiva dwar min kien qed jaggredixxi lil min, stante li kemm l-imputat kif ukoll il-vittma jista' jkun kienu qieghdin jiddefendu ruhhom minn aggressjoni.

15. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal hekk: *"When the fight started we were in front of the African shop. The one who was fighting with me was the one who hit me with the bottle. He stabbed me with the bottle in front of the African shop and then I ran away. When I arrived the Police found me I fell and he started stabbing me with the broken bottle*

[5] Ara fol. 263 tal-process.

*again."* Meta gie mistoqsi jekk jafx kif Ebende wegga', l-imputat wiegeb hekk: *"I don't know. Maybe he busted the bottle. ... ... He must have injured himself with the bottle."*[6]

16. Ghalhekk fl-istqarrija tieghu, l-imputat imkien ma qal li hu agredixxa lil Ebende biex jiddefendi ruhu, anzi qal li meta Ebende aggredieh, hu harab jigri u li ma jafx kif Ebende wegga', imma jahseb li Ebende wegga' meta kisser il-flixkun tal-hgieg. Dan jista' jispjega l-ferita li Ebende kellu f'idejh, pero ma jispjegax l-incizjoni pjuttost kbira li Ebende kellu fi drieghu tax-xellug, u lanqas il-*blunt trauma* li kellu fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu. Ovvjament daqs kemm hu possibbli li l-griehi f'idejn Ebende gew kagunati meta hu kisser il-flixkun, daqstant iehor huwa possibbli li l-griehi li l-imputat kellu f'idu l-leminija gew kagunati meta l-imputat stess kisser il-flixkun.

17. F'dan l-istat tal-provi, jista' biss jinghad li possibilment dan huwa kaz ta' legittima difesa – pero daqskemm il-grad tal-possibbli mhux ta' utilita ghal prosekuzzjoni, daqstant iehor mhux ta' utilita ghad-difiza. Certament ma jistghax jinghad li d-difiza irnexxielha tipprova l-eccezzjoni taghha tal-legittima difesa sal-grad tal-probabbli kif hija rikjesta li taghmel skond il-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni.

18. Id-difiza tissottometti wkoll li l-Prosekuzzjoni naqset li iggib l-aqwa prova, u cioe il-flixkun tal-hgieg, bhala prova li l-feriti gew kagunati minn strument jaqta' u bil-ponta. Apparti li din is-sottomissjoni tmur kontra is-sottomissjoni principali tal-legittima difesa, mill-provi jirrizulta ampjament li waqt il-glieda intuza flixkun tal-hgieg. Dan jghidu fix-xhieda tieghu Mahmoud Ali u wkoll jghidu l-imputat fl-istqarrija tieghu. Mix-xhieda tal-Pulizija u mir-ritratti ezebiti mis-Scene of Crime Officers jirrizulta wkoll li fuq ix-xena tar-reat kien hemm diversi bicciet tal-hgieg. Fix-xhieda tieghu PS1526 Charlon Borg jghid li hu ra kwart ta' flixkun imkisser mal-art li kien ftit il-boghod, imma xorta fl-area fejn gara l-incident.[7]

19. Huwa vera li ghal xi raguni jidher li dan il-kwart ta' flixkun ma giex identifikat u elevat mis-Scene of Crime Officers. Pero mir-rapport ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta li l-feriti li Ebende kellu fi drieghu u f'idu kienu rizultat ta' incizjoni, u mhux ta' *blunt trauma* kif kienet il-ferita fuq mohhu. Incizjoni tigi kaguna bi strument jaqta' u bil-ponta, u mill-

[6] Ara fol. 16 tal-process.
[7] Ara fol. 52 tal-process.

provi migbura din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dawn iz-zewg incizjonijiet saru bil-flixkun imkisser.

20. Rigward in-natura tal-griehi sofferti minn Ebende, jirrizulta li huwa kellu abrazjoni fuq in-naha tax-xellug ta' mohhu, incizjoni fuq drieghu u zewg incizjonijiet fuq it-tieni subgha ta' idu il-leminija. Il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija jekk il-feriti li sofra Ebende humiex ta' natura gravi jew ta' natura hafifa. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jikkontempla l-kaz fejn il-ferita *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk:

*"B'mankament (jew fit-test Taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V.,* ***Trattato di Diritto Penale Italiano****, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (****Il-Pulizija v. Emily Zarb****, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

21. Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] kompliet tispjega hekk:

*"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru*

[8] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano
[9] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[10] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

22. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ma hemmx dubbju li Ebende soffra sfregju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, stante li mir-ritratti fir-rapport ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta li l-feriti li sofra fuq wiccu u f'idu kienu vizibbli certament ghal diversi granet *within talking distance,* anke jekk setghu ma baqghux marka permanenti.

23. Min-naha l-ohra, mir-rapport ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta li l-incizjoni fuq driegh Ebende tista' tibqa' marka permanenti. Pero l-Artikolu 218(1)(b) jippreskrivi li ferita titqies gravi u permanenti jekk *inter alia* tkun tikkostitwixxi *"sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż."* F'dan il-kaz l-isfregju permanenti ma hux f'xi wahda minn dawn il-partijiet tal-gisem, izda fid-driegh. Konsegwentement, il-ferita fi driegh Ebende ma tistghax jitqies bhala sfregju gravi u permanenti, izda tikkostitwixxi ferita hafifa ikkagunata bi strument jaqta' u bil-ponta ai termini tal-Artikolu 221(2) tal-Kodici Kriminali, stante li kienet incizjoni. Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali, ma hemmx indikati l-Artikolu 221(1) u (2) tal-Kodici Kriminali, pero ir-reati kontemplati f'dawn iz-zewg subincizi tal-Artikolu 221 huma komprizi u involuti fir-reat ta' ferita gravi kagunata bi strument jaqta' u bil-ponta ai termini tal-Artikolu 216 u 217 tal-Kodici Kriminali.

[10] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J. Mamo** a fol. 228.

24. Rigward din l-ewwel imputazzjoni, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghas-subinciz 216(1)(a)(ii) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla meta l-ferita iggib *"debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem"*. Mir-relazzjoni ta' Dottor Mario Scerri jirrizulta ampjament li l-ebda wahda mill-feriti kagunati lil Ebende ma kellha dan l-effett, u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-reat kontemplat f'dan is-subinciz.

25. L-imputat jinsab mixli wkoll li ikkaguna danni involontarji fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni numru ADA-045. Mill-provi u x-xhieda prodotti jirrizulta li l-imputat u Ebende kienu qed jiggieldu hdejn din il-vettura, li fil-fatt instabet imcapsa bid-demm, u kellha l-mera n-naha tal-passiggier imkissra kif ukoll hsara ohra fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem tal-karozza. Mill-provi jirrizulta li fid-data tal-incident din il-vettura kienet registrata f'isem Vladan Mihajlovic.[11] Mihajlovic xehed f'dawn il-proceduri u qal li hu ma kellux flus biex jirranga l-hsara li saritlu u allura kien biegh din il-vettura lil terza persuna. Huwa esebixxa stima tal-hsara li kellha l-vettura li kienet fl-ammont ta' elf, mija erba' u erbghin Euro (€1,144.00).[12]

26. Id-difiza issottomettiet li ma kien hemm l-ebda prova li kien l-imputat li ikkaguna din il-hsara. Pero Mijhalovic xehed li xi girien kienu habtulu fuq il-bieb tad-dar u meta hareg sab il-vettura bid-demm fuqha u bil-danni, u madwarha kien hemm il-Pulizija. Mir-ritratti esebiti mis-Scene of Crime Officers f'dawn il-proceduri, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dawn id-danni gew kagunati mill-imputat u Ebende waqt il-glieda.

27. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika li l-imputat jista' jkun hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali – u cioe li ikkaguna danni volontarji fuq il-vettura. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ikkaguna dawn id-danni volontarjament, imma kif inghad dawn id-danni gew kagunati involontarjament mill-imputat u Ebende waqt li kienu qed jiggieldu u f'xi hin laqtu jew gew fuq il-vettura. Ghalhekk il-Qorti ser issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 325(1)(b), izda hati fir-reat kompriz u involut ta' danni involontarji ai termini tal-Artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali.

[11] Ara xhieda ta' Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta a fol. 78 tal-process.
[12] Ara fol. 91 tal-process.

28. It-tielet imputazzjoni kontra l-imputat hija li ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali. Pero mill-provi din il-kontravvenzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minnha. Dan apparti l-fatt li ai termini tal-Artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat, irid ikun hemm il-kwerela tal-parti offiza, liema kwerela ma jirrizultax li saret fil-kaz odjern.

29. Fl-ahharnett, l-imputat hu mixli li kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat, storbju u glied. Mix-xhieda ta' Mahmoud Ali u Carmel Camilleri jirrizulta ampjament li huma indunaw bil-glieda ghaliex semghu l-ghajjat gej minn barra. Id-difiza tissottometti li l-imputat kien qed jghajjat ghax gie imwegga'. Ghalkemm dan probabbilment huwa minnu, min-naha l-ohra kif diga inghad mill-provi irrizulta li hu ferixxa lil Ebende waqt glieda bejniethom, u certament il-glied wahdu jikser l-ordni u paci pubblika, anke bla ghajjat. Ghalhekk il-Qorti issibu hati wkoll ta' din il-kontravvenzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

30. Fl-istqarrija tieghu l-imputat xehed li huwa gie hawn Malta xahrejn qabel l-incident sabiex isib xoghol u li kien jahdem fil-kostruzzjoni. Ghalhekk il-fedina penali netta li giet esebita mill-Prosekuzzjoni ma hix tant relevanti. Min-naha l-ohra irid jinghad ukoll li l-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova li l-imputat kellu xi kundanni kontrih minn xi qorti barranija.

31. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkaguna zewg feriti ta' natura gravi fuq Ebende, wahda ta' blunt trauma zghira fuq mohhu u l-ohra konsistenti f' zewg incizjonijiet fuq it-tieni subgha tal-id il-leminija, liema incizjonijiet gew kagunati bi strument jaqta' u bil-ponta. L-imputat ikkaguna wkoll ferita ta' natura hafifa pero pjuttost kbira fuq driegh Ebende bi strument jaqta' u bil-ponta.

32. Ghalkemm ghar-ragunijiet fuq moghtija, il-Qorti sabet lill-imputat hati ghad-danni kagunati lill-vettura, in vista tal-fatt li sid il-vettura xehed li huwa bieghha ghaliex ma kellux flus biex ihallas dawn id-danni, il-Qorti ma hix ser tikkundanna lill-imputat ihallas nofs id-danni kagunati.

**Konkluzjoni**

33. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tichad l-eccezzjoni tad-difiza tal-legittima difeza;

(2) Wara li rat l-Artikoli 216(1)(a)(ii), 218, 218(1)(b), 218(2) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Gunju 2024, issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati f'dawn l-Artikoli tal-Ligi, u ghalhekk tilliberah minnhom.

(3) Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 217 u 221(1) u (2) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati.

(4) Wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali elenkat fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali issib lill-imputat mhux hati ta' dan ir-reat, izda hati tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 328(c) tal-Kodici Kriminali.

(5) Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' tlett (3) snin li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

(6) In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti[13], skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[13] A skans ta' ekwivoci l-ispejjez tal-esperti m'ghandhomx jinkludu dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-hlas tal-espert Florence Apap, u dan ghar-ragunijiet moghtija fid-digriet ta' din il-Qorti tat-8 t'April 2024.